Minuti Laqgħa Numru 27 tal-Kunsill Lokali Qala

It-Tlieta, 19 ta' Jannar 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, fis-6:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 27.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 27.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tal-laqgħat numri 25 u 26 gew moqrija, emendati u intlaħaq qbil fuqom.

## 27.3 Tħassir tal-attivitajiet tal-Karnival

Is-Sindku ppropona li għal din is-sena, l-attivita' li soltu tittellgħa mill-Kunsill tiġi imħassra minħabba l-imxija tal-COVID-19. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn persuna dwar attivita' matul il-Karnival. Huwa mifhum li din l-istess persuna avviċina lill-Kunsilli Lokali Għawdxin kollha. Prezz għal din l-attivita' għadu ma ingħatax għaliex il-valur tal-kwotazzjoni ivarja skont kemm ikollu "bookings" minn Kunsilli.

## 27.4 Ħatra ta' Avukat għall-Board ta' Governanza

Is-Sindku semma kif fl-aħħar laqgħa tal-Board l-Avukat Dr Mario Scerri mexa tajjeb mal-Kunsill u ppropona li jinħatar ukoll għal dan il-bord li jmiss. Is-Sindku semma li is-seduta ntalbet tiġi posposta. Il-Kunsill kollu qabel unanimament li is-Sindku u Kunsilliera ser jattendu għall-Board ta' Governanza, u li għal dan il-kaz jinħatar Dr Mario Scerri biex jipprepara risposta u jirrappreżenta lill-Kunsill f'dan il-Board.

## 27.5 Grawnd tal-futbol/Ġnien il-Familja

27.5.1 Għal din il-parti tal-laqgħa gie mistieden is-Sur Noel Mizzi bħala president tal-*Qala Saints Football Club*. Is-Sur Mizzi irrefera lill-Kunsill is-segwenti:

27.5.1.1 Il-Club jikri il-bar lil terza persuna. Xħin il-kera tal-bar spiccat f'Ġunju 2020 il-Club sab li il-post kellu bzonn ħafna tiswijiet. Il-Club għalhekk qabbad Perit u Uffiċjal tas-Sigurta' biex imexxuhom fuq kif għandu jsir ix-xogħol. Il-manutenzjoni involviet ħitan u travi ġodda fuq struzzjonijiet tal-perit. Sar ukoll bdil ta' madum fuq ġewwa u fuq barra, u saret tinda ġdida li swiet €10,000. Il-*Gym area* sejra tinqasam f'żewg sulari, bin-naħa ta' fuq tibqa' sservi bħala *gym*, u n-naħa ta' taħt tkun *utility room*.

27.5.1.2 Fl-2016 l-Awtorità għall-Ippjanar (PA) ħarget permess lill-Kunsill Lokali li jitwal u jitwessa il-grawnd, kif ukoll isiru *changing rooms*. Is-Sur Mizzi irrapporta li bħalissa qiegħdin fl-istadju li jsiru ic-*changing rooms*. Il-PA talbu li tiżdied rampa f'dan il-proġett biex tiġi iffaċilitata l-aċċessibilità għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Fl-istess permess hemm ukoll *stand* għall-ispettaturi tul il-grawnd kollu, jiġifieri 100m. Is-Sur Mizzi qal li, fir-realtà din l-istad hija diffiċli li ssir għaliex l-ispejjeż għaliha huma għoljin.

27.5.2 Valerie Cassar Mejlak talbet lis-Sur Mizzi kopja tal-pjanta tax-xogħolijiet. Is-sur Mizzi wieġeb li lanqas il-*club* ma għandu pjanta, imma li kollox jinsab *online*. Karl Buttigieg stqarr li jaqbel mal-proġett, imma irrimarka lil l-Kunsill bħala is-sid tal-art ikun jixtieq li jkun aġġornat fuq x'ikun qed jiġri. Joseph Buttigieg issuggerixxa li kull tant żmien is-Sur Mizzi jiġi jaġġorna lill-Kunsill. Is-sur Mizzi Noel ma kellux oġġezzjoni għal dan.

27.5.3 Is-Sur Mizzi offra li id-dawl tal-playing field jitħallas mill-*club*; izda issuġġerixxa wkoll li it-timer tad-dawl jitranġa ħalli id-dwal jibqgħu mixgħula sakemm jisbaħ, għaliex f'temp ta' xahrejn saru żewġ serqiet. Il-Kunsill qabel ma dan. Karl Buttigieg staqsa tistax ssir CCTV.

27.5.4 Is-Sindku issugerixxa li jsir kuntratt bejn Kunsill u *Club* biex dan tal-aħħar ikun jista' jibqa' għaddej bix-xogħolijiet; imma ikun dikjarat iswed fuq l-abjad li is-sid tal-Grawnd u Ġnien il-Familja jibqa' il-Kunsill Lokali. Is-Sur Mizzi qabel ma dan, izda' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan kollu diġa' qiegħed imniżżel fuq kuntratt, li jiskadi fl-2024.

## 27.6 Playing Field Maġistrat Salvu Atard

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma kif skond il-minuti tal-laqgħa numru 25 is-Segretarja Eżekutiva kellha tipprepara *Leter of Acceptance* (LOA). L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta lill-Kunsill li sa dak inhar stess kien għadu ma kellux aċċess għall-files, u minħabba f'hekk ma setax ikompli għax skont il-*Public Procurement* Regulations (PPR) iridu jittieħdu numru ta' passi wara li jiġi aġġudikat *Tender* u qabel ma tinħareg LOA. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonkluda li fin-nuqqas ta' aċċess għall-files ma setax jgħid dawn il-passi sarux jew le. Ġie maqbul li l- Aġent Segretarju Eżekuttiv jikkuntattja lis-Sur William Sultana mid-Dipartiment tal-Kuntrati biex ikun jista' jiggwidana fejn wasal dan il-proċess.

## 27.7 QIFF 2021

Is-Sindku qal li, minkejja l-imxija tal-COVID19, importanti li l-Kunsill ikollu data f'moħħu għall-Qala International Folk Festival, li nkunu nistgħu "nimmiraw" għaliha. Karl Buttigieg qal li soltu l-QIFF isir fil-weekend tal-Indipendenza, li din is-sena hu bejn il-Ġimgħa 17 u l-Ħadd 19 ta' Settembru. Joseph Buttigieg qal li importanti li dawn id-dati ikunu irreġistrati mat-taqsima tal-Kultura mill-aktar fis, ħalli jidħlu fil-kalendarju kulturali u hekk dawn id-dati ma jintlaħqux jittieħdu minn attivitajiet oħrajn.

Intlaħaq qbil li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jinforma lid-Direttorat tal-Wirt Kulturali, kif ukoll li s-Sur Josef Farrugia li jieħu ħsieb jorganizza din l-attività bid-dati hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill qabel ukoll li jibqa' attent għall-fluwidita' tas-sitwazjoni u minħabba f'hekk għalissa ma nikkommettux irwiehna ma gruppi barranin. Jekk eventwalment ma jattendux gruppi barranin l-attivita' issir fuq skala iżgħar, eżempju ġurnata waħda.

## 27.8 Korrispondenzi

Ma kienx hemm korrispondenzi.

## 27.9 Materji oħrajn

27.9.1 Komunikazzjoni tas-Sindku

27.9.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li is-Segretarja Eżekuttiva ħarget fuq long leave f'Diċembru, u li minfloka kien hemm is-Sa Miriam Attard bħala Deputat Segretarju. Id-Deputat Segretarja ma setgħatx tiffirma ċekkijiet, għax kien hemm qbil bejnha u s-Segretarja Eżekuttiva li l-proċess biex jiżdied firmatarju fuq iċ-ċekkijiet jieħu it-tul. Is-Sindku irrimarka li dan il-proċess kien jinvolvi siegħa il-bank, liema siegħa saret nhar il-Ġimgħa li għaddiet u li għaliha attendew hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li intant is-Segretarja

Eżekuttiva ħarġet fuq *long sick*, id-Deputat Segretarja Eżekuttiva irriżenjat, u li d-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali ħatar lis-Sur Lorne Cremona bħala Agent Segretarju Eżekuttiv. Korrispondenza ma setgħatx tgħaddi peress li l-uffiċċju tas-Segretarja Eżekuttiva kien inaċċessibbli. Is-Segretarja Eżekuttiva ġiet mitluba tagħti aċċess, handover, u tifirma biex fin-nuqqas tagħha l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jiffirma ic-cekkijiet. Is-Sindku għalaq billi qal li f'inqas minn gimgħa sar xgħol li kien ilu pendenti xhur, u radd ħajr lill- Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dan.

27.9.2 Is-Sindku semma li l-minuti tal-laqgħa numru 25 irrappurtaw f'ċertu dettal l-ittra ppreżentata minn Joseph Buttigieg. Sindku ikkummenta li id-diskorsi tiegħu kienu ttrattati differenti għaliex tiegħu ikunu imqassra ferm iżjed. Talab li jingħata trattament ugwali. Ġie maqbul li dan jista' jkun dovut għall-fatt li l-minuti inkitbu minn persuna differenti. Joseph Buttigieg ippropona li l-minuti tal-laqgħa numru 25 jiġu emendati biex issir biss riferenza għall ittra miktuba minnu. Il-Kunsill qabel ma dan.

27.9.3 Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex javviċina lill-Inġ Charlie Camilleri tal-*Water Services Corporation* biex jikkonferma li l-WSC ser tkun qiegħda tirrifondi il-flus li l-Kunsill ikun ħallas għas-siment biex jimtlew temporanjament il-gandotti fi triq il-Wardija

27.9.4 Valerie Cassar Mejlak irrappurtat fuq il-ħtieġa ta' *yellow line* fi sqaq li jinsab fi Triq il-Wardija. Xħin jipparkja xi hadd fuq naħa minnhom, mill-garaxx li jinsab fin-naħa l-oħra ma jistgħux joħorgu jew jidħlu karozzi fil-garaxx. Valerie Cassar Mejlak se tkun qiegħda tieħu ritratt u taqsmu mal-Kunsilliera l-oħra. Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn napplikaw ma *Transport Malta* (TM).

27.9.5 Valerie Cassar Mejlak ippresentat petizzjoni iffirmata minn residenti li jgħixu fi Triq iż-Żewwieqa biex issir *sleeping policeman* fit-triq tagħhom. Il-Kunsill qabel li ssir talba ma' TM dwar dan, waqt li din il-petizzjoni tinżamm fil-file ġol-Kunsill ħalli jekk ikun hemm bżonn issir referenza għaliha fil-futur.

27.9.6 Valerie Cassar Mejlak semmiet li ntlaħaq qbil f'laqgħat preċedenti biex jiġu ordnati "Slow signs". Is-Sindku stqarr li ma jafux f' liema stadju kienet waslet is-Segretarja Eżekuttiva fihom.

27.9.7 Is-Sindku semma li is-Segretarja Eżekuttiva kienet għadha ma għamlitx talba għal mirja. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitkellem mas-Sindku biex dawn jiġu ordnati.

27.9.8 Joseph Buttiġieġ u Valerie Cassar Mejlak għamlu komunikazzjoni ma wieħed mis-sidien tal-Mitħna ta' Sufa, fejn ġew infurmati li bħala familja werrieta ta' din il-mitħna qed jieħdu ħsieb il-proċess ta' restawr; li diġa' għandom il-permessi tal-PA, u li applikaw għal fondi mil-EU biex isir dan ir-restawr.

27.9.9 Karl Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak ipproponew biex it-*telephone box* li hemm fi Pjazza San Ġużepp, li tinsab fi stat ta' telqa u t-*telephone* ta' ġo fiha huwa mitfi, tiġi konvertita għal "Book swapping phone booth". Il-Kunsill qabel li din l-idea tkompli tiġi żviluppata u li jiġu kkuntatjati is-sidien tagħha (GO) f'dan ir-rigward.

27.9.10 Karl Buttigieg semma li kienet intbagħtet talba bl-email biex il-Kunsill jagħti permess li titħawwel siġra minn partit politiku fi Ġnien il-Familja. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta bil-kundizzjoni li ma jitpoġġewx tabelli magħha, maġemba jew fil-viċin biex u dan ma jidħolx partiġġjaniżmu. Karl Buttigieg informa lill-Kunsill li din il-kundizzjoni ma ġietx rispettata u flimkien ma Valerie Cassar Mejlak talbu lill-Kunsill biex din titneħħa minnufiħ. Joseph Buttigieg stqarr li anqas jaf meta jew fejn saret din is-siġra. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li tintbagħat email lil min waħħalha, u jekk fil każ tinqala'. Il-Kunsillier Joseph buttigieg talab lill-Kunsill biex dan is-suġġett jiġi diskuss darb'oħra ħalli jilħaq jara x'inhu jsir f'lokalitajiet oħrajn. Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel *follow up* fuq dan is-suġġett fil-ġranet li ġejjin.

27.9.11 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar il-possiblita' ta' kunflitt ta' interess fil-qadi ta' dmirijietu peress li ilu għal numru ta' snin jipprovdi servizz ta' fotografu lill-istess Kunsill. Talab biex sakemm idum iservi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv issir enfasi li l-*procurement* ta' dan is-servizz mill-Kunsill ma jsirx biss b'*Good Governance,* imma li l-Kunsill ikun qed jidher man-nies ukoll li qed jimxi ma dan l-istess prinċipju. Il-Kunsill qabel ma dan u talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jitlob direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward.

27.9.12 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dak inhar stess kien ġie avviċinat mis-Sur Angelo Camilleri – EU Fund Manager fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, biex jiġi iffirmat ftiehim għal estensjoni għat-teminu tax-xogħolijiet fuq Triq il-Kunċizzjoni u Triq it-28 ta' April 1688. Il-Kunsill qabel li dan il-ftiehim għandu jiġi iffirmat, liema firem seħħew dak il-ħin fil-preżenza tal-Kunsill.

27.9.13 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill jaqblux li tintbagħat email biex il-Perit jinagħta awtorizzazjoni ħalli jissottometti l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għall-proġett ta' Traffic Management fi Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan.

27.9.14 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill jaqblux li tintbagħat email li fiha l-Perit jiġi awtorizzat jibda' l-iddisinjar għal *water culvert* tal-pied (300mm) taħt il-bankina. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku saħaq fuq l-importanza li dan il-progett isir bi tkomplija ta' zewg katusi tal-400mm minn Pjazza San Ġużepp sal-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani, fejn imbgħad dawn il-katusi jingħaqdu ma katusi oħra li diġa' huma installati taħt it-triq.

27.9.15 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill jaqblux li tintbagħat email lill-Perit biex jibda jiġi ppreparat it-*tender* għal xogħol fuq l-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fi Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill qabel ma dan.

27.9.16 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li hu tkellem mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jiġi ggwidat fuq *thresholds* u limiti fil-valur ta' tranżazzjonijiet li bih jista' jopera il-Kunsill Lokali. Id-Dipartiment għadda lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv dokument li huwa adattament tal-PPR għall-Kunsilli Lokali, li fih hemm miktub li Kunsill jista' japprova tranżazzjonijiet b'valur massimu ta' €5,000 bil-kundizzjoni li jkunu nġabu 3 kwotazzjonijiet.

27.9.17 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu talab kwotazzjoni mingħand numru ta' kumpanniji għal basktijiet *reuseable* li ġew imsemmija fil-laqgħa numru 25. Żewġ kumpanniji ma wieġbux għal din is-sejħa, tnejn oħra qalu li ma joffrux basktijiet fil-*portfolio*

taghhom waqt li tnejn oħra pprovdewna bi kwotazzjoni. Intlaħaq qbil biex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv javviċina iżjed kumpanniji bl-iskop li jigu rrispettati il-PPR.

27.9.18 Is-Sindku informa li ħarġu 3 applications minn Karkanja f'zoni li huma *Outside Development Zone* (ODZ). L-applikazzjonijiet jinsabu fi Trejqa ta' Ħatar, Triq il-Wileġ (n/s), u Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsill qabel li jopponi għal dawn l-applikazzjonijiet għal żvilupp, l-istess kif sar f'każijiet fl-imgħoddi f'żoni ODZ. Il-Kunsill qabel li tinħatar l-avukat Dr Claire Bonello biex tirrappreżenta l-Kunsill għal dawn l-oġġezzjonijiet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkomnunika ma Dr Bonello f'dan ir-rigward.

27.9.19 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma il-proġett "Greening Urban Areas" u semma li jekk ma jsirx xi ħaġa fuqu hemm periklu li jintilfu fondi. It-tender intrebah mill-ELC, waqt li t-tender ghal *project management* kien intrebaħ mis-Sur Joseph Bonello. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jikkonsulta mal-bord ta' evalwazzjoni biex jara x'passi jridu jittieħdu ħalli tinħareġ il-*Letter of Acceptance.*

## 27.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 ta' filgħaxija u laqgħa li jmiss se ssir nhar l-4 ta' Marzu 2021 fl-4:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| (IFFIRMAT) | (IFFIRMAT) |
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Lorne Cremona<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |